**Parroċċa San Ġużepp** Il-Manikata

**Uffiċċju Parrokkjali**

Domus Curialis

Triq Mejjiesa (Il-Manikata)

Il-Mellieħa MLH 5134

65

6/2025

Lill-Eċċellenza Rev.ma.

Monsinjur Charles J. Scicluna

Arċisqof ta' Malta

5 ta' Jannar 2025

Umli rikors tar-Rev. Amministratur Parrokjali Dun Peter Paul Sultana

Jesponi b'rispett: Proġett ta' pittura fil-Knisja tal-Manikata

Fl-okkażjoni storika tal-Ħamsin Sena Anniversarju minn meta l-Parroċċa tal-Manikata twaqqfet bħala Parroċċa, ħriġna bl-idea li ssir pittura fil-Knisja Parrokkjali fuq il-ħajt tal-abside, li jsegwi t-tul tal-ħajt tas-sejjiegħ.

Ser jiġu raffigurati xi rakkonti evanġeliċi mil-ħajja ta' San Ġużepp, patrun tal-Parroċċa tagħna: il-Ħolma ta' San Ġużepp, it-Twelid ta' Ġesu' Kristu, il-Ħarba lejn l-Eġittu, u l-Preżentazzjoni ta' Kristu fit-Tempju.

L-idea hi li l-istil ikun monokromatiku b'xi partijiet indurati bid-deheb, dan sabiex il-pittura tkun f'sintonija mal-bqija tal-Knisja kif wieħed jista' jara fl-abbozzi mehmużin.

Il-Perit Richard England aċċetta li nkun jiena l-pittur ta' din l-opra, u dejjem jekk din il-proposta tiġi aċċettata, biħsiebni nikkonvolġi xi assistenti, bħalma dejjem nagħmel fi proġetti simili, sabiex dan il-proġett ikollu għan pastorali wkoll.

Bħala bażi għall-pittura, mhux ser ikun hemmm interventi ta' modifika strutturali tal-bini, u ser jintużaw *gypsum boards* li se jiġu miksijin bil-ġibs biex fuqhom isir intervent pittoriku. Ix-xogħol mhux se jkun intervent permanenti, se jeħlu *gypsum boards* bil-viti mal-ħitan.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Tajjeb li nsemmi li l-Perit Richard England huwa involut direttament f'dan il-proġett. Tista' ssib mehmuż xi disinji tiegħu li juru l-idea oriġinali ta' din il-pittura. L-idea hi li

Parroċċa San Ġużepp il-Manikata
**Uffiċċju Parrokkjali**
Domus Curialis
Triq Mejjiesa (Il-Manikata)
Il-Mellieħa MLH 5134

jkun hemm rapport man-naħa l-oħra tal-Knisja fejn hemm forma simili għat-tond li fuqha hemm il-Via Sagra.

Rigward l-ispiża, il-Parroċċa ser tfittex benefatturi u jekk ma jinstabux biżżejjed jintużaw il-flus li hemm imfaddlin fil-kont tal-Parroċċa.

Stima tax-xogħol:

*Gypsum boards*, aluminium u kisi;

*Acrylic Gesso*;

Kuluri;

Kolla tad-deheb;

Folji tad-deheb (22 kt);

Verniċ; u

Xogħol u offerta lil min ser jgħin fil-proġett.

**Total: madwar 5,000 Euro.**

Waqt li nistennew risposta jekk nistgħux nagħmlu dan il-proġett, nitolbok tberikna.

Dejjem tiegħek,

Dun P. Sultana

Rev. Dun Peter Paul Sultana

*Amministratur Parrokkjali – Parroċċa San Ġużepp, il-Manikata.*

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

PARISH OF ST. JOSEPH MANIKATA MALTA

Illum 6 ta' Jannar 2025

2157 5679 | parrocca.manikata@maltadiocese.org | www.facebook.com/parroccamanikata

**Il-Kurja tal-Arċisqof**
**P.O. Box 1,**
**Il-Furjana FRN 1520.**
**MALTA.**

**6/2025**

# DIGRIET

Wara li rajna r-relazzjoni tad-Delegat għall-Ħajja u l-Ħidma fil-Parroċċi u tal-Kummissjoni Arti Sagra, it-talba tar-Reverendu Dun Peter Paul Sultana, Amministratur Parrokkjali tal-Parroċċa tal-Manikata, rikorrent, mhux opportun li tiġi milqugħa.

Mogħti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 11 ta' Frar 2025.

(ft) ✠ Joseph Galea Curmi
Isqof tit. ta' Cebarades
Vigarju Ġenerali

(ft) Charles Bugeja
Kanċillier

Kopja tal-oriġinal
Illum, 11 ta' Frar 2025

Fr. Charles Bugeja
__________ Kanċillier

L-ARĊIDJOĊESI
TA' MALTA

14 ta' Jannar 2025

**Rikors 006- 2025 – Parroċċa Manikata**
**Talba għall-pittura ġdida fil-Knisja**

Għażiż Dun Charles,

Jien m'inhiex tal-opinjoni li din it-talba tintlaqa'.

Tislijiet

Fr André Zaffarese
Vigarju Episkopali għall-kordinament Pastorali

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2590 6507 / 518
**Email.** pastorali@maltadiocese.org
www.knisja.mt

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

KUMMISSJONI ARTI SAGRA

*Relazzjoni Kummissjoni Arti Sagra*

**006/2025 Pitturi fil-Knisja tal-Manikata**

Il-Knisja tal-Manikata hi waħda mill-ewwel u l-aħjar eżempji ta' arkitettura liturġika ta' żmien il-konċilju Vatikan II. Għandna l-kontribut tal-Professur England fl-aqwa tiegħu, li rnexxielu joħloq armonija interna u mal-madwar.

Il-Kummissjoni tħoss li għandna napprezzaw ix-xogħol ta' England kif tahulna, u ma jiżdied xejn aktar miegħu. Għaldaqstant il-Kummissjoni ma tapprovax il-proġett. Tħeġġeġ lill-kappillan li jekk hemm xi fondi jużahom għar-restawr tal-Knisja.

Fr. Charles Bugeja

Charles Bugeja
Segretarju

8 ta' Jannar 2025

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Il-Furjana FRN 1520, Malta

Tel: +356 2590 6140
**Email.** charles.bugeja@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**